MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-28 ta' Frar, 2013

Numru. 1377/2012

## SPETTUR TREVOR MICALLEF
## VS
## ANDREA GIALLOMBARDO

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Andrea Giallombardo, bin Giuseppe u Jacqueline nee' Vassallo, mwieled 16 ta' Novembru 1992 Pieta', residenti San Salvatore, Flat 8, Triq Alfred Gauci, San Giljan u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 542392M;

Talli f' dawn il- Gzejjer fis- 17 ta' Novembru 2011 ghall-habta tal- 4.30pm gewwa l- ghassa San Giljan u/jew fil-vicinanzi iddenunzja lill- Pulizija Ezekuttiva reat li kien jaf li ma sarx, inkella bil- qerq halaq tracci ta' reat b' mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizgur li dak ir-reat kien sar;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikolu 110(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 22 tal-Kap 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------